MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2009

Numru 670/2005

Il-Pulizija
(Spettur J. Mercieca)

vs

Mariano Pirrone

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 427677(M) akkuzat talli:

1. fit-2 ta' Ottubru, 2004, ghall-habta tas-6p.m. u/jew fil-jiem ta' qabel, f'dawn il-gzejjer xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg, cioé vettura Ford Fiesta, numru tar-registrazzjoni LDK 328, liema vettura kienet misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistata b'reat u li l-valur taghha jaqbez l-elf lira Maltin;

2. saq l-istess vettura minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni u

3. kiser il-provvediment ta' l-Artikoli 22 tal-Kap 446 b'sentenza datata 24 ta' Marzu 2004 fejn kien misjub hati ta' reat ta' pussess ta' droga u liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Rat l-Artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali li bihom bghat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiggudika dwar il-htija jew altrimenti tal-imputat;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi jitrattaw ir-ricettazzjoni, li saq vettura minghajr kopertura ta' assikurazzjoni u li kiser il-provediment tal-Artikolu 32 tal-Kap 446.

Ghal dawn l-akkuzi l-imputat irregistra ammissjoni li hi wahda volontarja u inkondizjonata.

Ghalhekk rat l-Artikolu 334 u 17 tal-Kap 9, 3(1) tal-Kap 104 u 21, 22 u 23 tal-Kap 446 u tiddeciedi li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien sentejn mil-lum u multa ta' € 2,330 li qeghda tikkoncedi li jithallsu b'pagamenti rateali ta' €100 fix-xahar l-ewwel pagament fl-ahhar ta' April u pagamenti ugwali, ininterrotti u konsekuttivi fl-ahhar ta' kull xahar sussegwenti bid-dekadenza ta' zmien fin-nuqqas jew altrimenti konvertibbli fi tlett xhur prigunerija.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabbiltajiet tieghu skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------